**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D**

**ILLUM, IL-11 TA' FRAR 2020**

**Rikors Inibizzjoni Nru. 02/2020 RGM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 02/2020 fl-ismijiet:

**Carmelo Sammut**

**Vs**

**Dorianne Sammut**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Carmelo Sammut fid-9 ta' Jannar 2020, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta'

Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimata milli tbiegh, tassenja, titrasferixxi jew b'kull mod iehor tiddisponi is-sehem taghha minn numru ta' proprjetajiet immobiljari sew b'titolu oneruz, sew b'titolu gratiwitu, kif ukoll milli taghti drittijiet reali jew personali fuq l-istess proprjetajiet jew tagravhom b'servitujiet jew garanziji ipotekarji jew b'kull piz iehor u kull proprjeta' ohra immobiljari li l-intimata ghandha kemm jekk sehem indiviz kif ukoll fi proprjeta' fl-intier taghha li akwistat wara d-data taz-zwieg tal-partijiet.

Rat ir-risposta tal-intimata prezentata fil-5 ta' Frar 2020 li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm moghtija qed topponi t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Semghat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Frar 2020.

Rat l-atti;

Ikkonsidrat;

Il-partijiet huma miżżewġin.  Dan il-mandat qed isir fl-isfond ta' proċeduri ġudizzjarji għas-separazzjoni personali pendenti bejn il-partijiet rigwardanti inter alia ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizzjoni tal-assi formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejnithom.

Permezz tar-rikors in dizamina r-rikorrent qed jitlob illi pendenti l-imsemmija proċeduri imsemmija, l-intimata martu tigi inibita milli tagħmel dak fuq premess fuq sehemha fl-immobbli appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u dan fuq il-pretest illi una volta l-komunjoni għadha ma hiex xolta u diviza, it-trasferiment ta' sehem indiviz tal-intimata lil terzi jippregudika id-drittijiet tar-rikorrent fil-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom.  Apparti projbizzjoni ta' trasferimenti lil terzi, ir-rikorrent qed jitlob ukoll li l-intimata tiġi inibita milli tagrava is-sehem tagħha b'xi piż u milli tagħti lil terzi drittijiet reali jew personali fuq l-istess proprjeta.

Ikkonsidrat;

**Il-Mandat ta' Inibizzjoni - Rekwiżiti.**

**Artikolu 873 - Kap. 12**

Illi l-mandat interpost mir-rikorrent huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-**Artikolu 873 tal-Kapitolu 12**. Huwa ben saput li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[1]

Sabiex jinħareġ dan it-tip ta' mandat il-Qorti trid tistħarreġ jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi, speċifikament dawk indikati taħt l-**artikolu 873 (2) tal-Kap. 12** li jipprovdi s-segwenti:

> "(2) Il-Qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Il-liġi titlob li għandhom jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti. "Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita." (Prim' Awla - **Josephine Cutajar vs. Mark Vella** (Mandat Nru 501/2015LSO) deċiż fit-23 ta' April 2015).

Rikorrent f'dawn il-proċeduri jeħtieġlu li jissodisfa dawn iż-żewġ elementi sabiex it-talba tiegħu tkun tista' tintlaqa': (a) irid juri li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li jippretendi li għandu, (b) ir-rikorrent ikun jidher li għandu mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.

[1] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux suġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Illi bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat hija waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrent irid juri mad-daqqa t'għajn li għandu jedd x'jikkawtela mingħajr il-ħtieġa li l-Qorti tindaga dwar il-fondatezza ta' tali pretensjoni, mingħajr ma l-Qorti għandha tiddelibera dwar eċċezzjonijiet li intimat jista' jkollu fil-mertu.

Illi jeħtieġ lill-Qorti wkoll li flimkien maż-żewġ elementi surreferiti, tikkonsidra l-element tal-preġudizzju. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.[2] B'irrimedjabbli wieħed għandu jfisser li *'bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jista jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat'.* Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat, tant li jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħrug tal-Mandat. Huwa għalhekk li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali.[3]

[2] **Muriel Thake vs. Lars Olav Valdemar Grill et** (Mand. Inib. Nru 1712/2017) degretat fis-27 ta' Diċembru 2017.

[3] **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** (Rik Nru 2086/1997) degretat fil-25 ta' Jannar 2005; **Angelo Xuereb vs Marin Hili** (Rik Nru 3135/94) degretat fit-22 ta' Settembru 1995.

Għandu jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma hux fondat. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Peress li hawn si tratta ta' proċeduri bejn konjuġi fi proċeduri inizjali għal separazzjoni personali jista' jitqies ukoll li r-rikorrent isejjes in parte r-rikors minnu intavolat fuq l-**artikolu 876 (1) (c) tal-Kap 12** li jipprovdi illi :-

> "(1) Meta parti fiz-zwieg tkun ghamlet jew tkun se taghmel quddiem il-Qorti Civili kawza ghal separazzjoni personali, il-parti tista' titlob lil dik il-qorti li tohrog mandat ta' inibizzjoni :
>
> \- omissis -
>
> (c) kontra l-parti l-ohra fiz-zwieg milli taghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti."

L-Art 876 ghandu parametri distinti minn dawk tal-Art 873 tal-Kap 12. Mhux meħtieġ li jiġi ppruvat iż-żewġ rekwiżiti rikjesti mill-artikolu 876. Suffiċjenti jekk jiġi ppruvat illi l-partijiet huma miżżewġin u li hemm jew ser ikun hemm kawża ta' separazzjoni bejniethom. Dan ma jidhirx li hu kontestat bejn il-partijiet għaliex huwa evidenti li mexjin lejn kawża ta' separazzjoni jekk il-medjazzjoni pendenti ma twassalhomx għal separazzjoni konsenswali. Għalhekk it-talba tar-rikorrent sabiex l-intimata tiġi inibita milli tagħmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti hija ġustifikata.

Illi mhemx kuntrast li l-partijiet għandhom sehem indiviż fl-immobbli mertu ta' dawn il-proċeduri. Jirriżulta illi r-rikorrenti għandu *prima facie* jeddijiet x'jikkawtela pendenti l-ezitu finali tal-proceduri gudizzjarji. Għalkemm l-intimata ssostni illi l-waqfin da parti taghha milli tbiegh ser ikun ta'

pregudizzju għar-rikorrent, dak huwa mertu li jrid jigi trattat fil-kawża fil-mertu u mhux fi proċeduri għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Dwar l-ecezzjoni illi l-mandat m'għandux indikat valur, kif ġia osservat supra, dan il-mandat huwa wieħed ġenerali li ma jirrikjedix l-indikazzjoni ta' valur.

Irriżulta waqt it-trattazzjoni tar-rikors illi xi waħda jew aktar mill-immobbli elenkati fil-mandat ma jappartjeniex biss lill-partijiet iżda wkoll lil terzi. Naturalment il-ħruġ ta' dan il-mandat japplika limitatament għall-proprjeta' appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u mhux ukoll lill-proprjeta' li tappartjeni lil terzi.

Dan il-mandat ma hux intiż sabiex iwaqqaf lil terzi milli, jekk jidhrilhom, jitolbu lill-Qorti sabiex ma jibqgħux ko-proprjetatarji mal-partijiet f'xi waħda jew aktar mill-immobbli de quo.

Għaldaqstant, sabiex jiġu evitati ekwivoċi, il-Qorti, filwaqt li ser takkolji t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kif mitlub kontra l-intimata, tali ordni ma tiprekludiex milli tali immobbli, safejn huwa wkoll ko-proprjeta' ta' terzi, jinbiegħ b'ordni tal-Qorti kompetenti.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet għalhekk il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Carmelo Sammut tad-9 ta' Jannar 2020 billi,

1. Tilqa’ t-talba u tordna l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimata fit-termini kif mitluba;

2. Tordna, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi dan id-digriet jiġi fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa (24) notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur ta’ l-Artijiet spejjeż a kariku tar-rikorrenti;

3. Tiddikjara illi dan il-mandat qed jinħareġ mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi ko-proprjetarji f'xi wieħed jew aktar mill-immobbli mertu ta' dan il-mandat u ma japplikax ghall-kostituzzjoni ta’ xi jedd fuq, jew tnehhija jew trasferiment ta’ xi beni li jsir fuq ordni tal-qorti.

Bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza fil-proċeduri tal-kawża eventwali fil-mertu.

**Moġħti kameralment illum 11 a' Frar 2020.**

**Onor. Robert G. Mangion LLD**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**